II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-27 ta' Novembru 2008**

**dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

(2009/149/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi strumenti ta' ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità, Ftehim mar-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi strumenti ta' ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Armenja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim", qiegħed hawn jiġi approvat f' isem il-Komunità, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità l-Ftehim, li huwa suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

Magħmula a fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. CHATEL